**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

## Laqgħa tar-Regjun Xlokk

## Laqgħa Nru. 91/2017 tat-Tieni Amministrazzjoni

Data: 10 TA' LULJU 2017

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President u Sindku | Reġjun Xlokk/Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Lawrence Attard** | Kunsillier | Kunsill Lokali Birgu | SKUŻAT |
| **Sinj. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Vincent Borg** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Floriana | PREŻENTI |
| **Sur Ray Deguara** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Isla | PREŻENTI |
| **Sra Speranza Chircop** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | PREŻENTI |
| **Sur Francis Debono** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | SKUŻAT |
| **Sur Horace Gauci** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | PREŻENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Domenic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | PREŻENTI |
| **Sur Vince Farrugia** | Kunsillier | Kunsill Lokali Valletta | SKUŻAT |
| **Sur Anthony Valvo** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | PREŻENTI |
| **Sur Marc Anthony** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | SKUŻAT |
| **Sur Joe Attard** | Sindku | Kunsill lokali Zejtun | ASSENTI |
| **Sna Antonella Galea** | A/Segretarju Eżekuttiv | | |

## AĠENDA

91.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

91.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

91.3 Komunikazzjoni mill-President;

91.4 URBACT

91.5 Inizjattiva Finanzjarja – GĦOTI MILL-ĠDID TA' TARMAK LIT-TOROQ FIR-RESPONSABBILTA' TAL-KUNSILLI LOKALI.

91.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

91.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 69/2017;

91.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**91.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia**

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li kienu bgħatu jinfurmaw sabiex ikunu skużati mill-laqgħa, l-Kunsilli ta' Birgu, Marsa, Valletta u Żabbar. Ittri ta' Apoloġija

i.i Il-Kumitat Reġjonali ħa nota u approva li jkunu skużati mill-laqgħa l-Kunsilli ta' Birgu, Marsa, Valletta u Żabbar.

**91.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Peress li l-Minuti tal-Laqgħa numru 90/2017 miżmuma fi 12 ta' Ġunju 2017 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti 90/2017, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv.

**91.3 Komunikazzjoni mill-President**

i. Dwar il-każ tal-Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion, il-President Paul Farrugia, nforma lis-Sinjuri membri li suppost kull Kunsill Lokali kien irċieva ittra mingħand l-Avukat ta' tal-Ex Seg. Eżek. Joan Mangion fejn f'tali ittra fost affarijiet oħra kien hemm miktub li hu bħala President kellu jirtira l-akkużi u jitlob skuża. Ex Seg. Eżek. Joan Mangion

**i.i** Il-President qal li hu m'għandux jitlob skuża ta' affarijiet li huma veritiera. Żied jgħid li tali ittra ġiet mgħoddija lill-Avukat tar-Reġjun sabiex iwieġeb hu f'isem ir-Reġjun Xlokk.

ii. Il-President nforma lill-Kumitat li l-LESA kienu ħallsuna sa Marzu 2017. LESA

ii.i Hawnhekk is-Sindku Kunsill Lokali Paola qal li reċentement kien kellu każ li xtaq jaqsam mal-membri l-oħra sħabu. Is-Sindku Domenic Grima qal li fil-lokalita' tiegħu xi ħadd kien poġġa skip fuq double yellow line li hu kien irraporta mill-ewwel lill-LESA u dawn kienu weġbugħ li tali skip ma kenitx ta' periklu.

ii.ii Saret diskussjoni dwar is-servizz offrut mill-LESA fejn il-membri kollha tista tgħid ikkummentaw fuq is-servizz li qed jingħata mill-istess kumpanija.

iii Il-President nforma lill-Kumitat, li rigward il-fond ta' miljun Ewro mill-Lesa li r-Reġjun tagħna kien ser idaħħal €53,000, u li l-Kumitat kien diġa qabel fil-ħsieb li bħala Reġjun joħroġ ktieb li fih ikun hemm kull Kunsill membru fir-Reġjun Xlokk, żied jispjega l-President li kien għadu jrid jiċċekja dwar l-ippubblikar ta' dan il-ktieb u fil-każ kien ser jirraporta fil-laqgħat li jmiss. Fond ta' Miljun Ewro mill-LESA

iv. Il-President Paul Farrugia fir-rigward tad-dokument dwar fondi relatati mal-**EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021** spjega li l-kumitat kien għadu ma ġiex maħtur. Pero żied jispjega li kull min kellu xi ħaġa kien setgħa jressaqa. **EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021**

v. Il-President informa lill-Kumitat li kien kellu telefonata mingħand wieħed Taljan fejn dan kien staqsih għal Joan Mangion għaliex din kien kellha ERAS?MUS +

tibgħatlu *mandate* sabiex nissiebħu fi proġett ERASMUS PLUS.

v.i Il-President żied jispjega li hu ma kienx jaf b'dan il-proġett. Pero sadanittant talbu jerġa jibgħatlu l-korrispondenza li kienet għaddiet bejniethom filwaqt li talbu wkoll aktar dettalji fuq dan il-proġett. Żied jispjega l-President li r-Reġjun Xlokk bħala flus ma kellu joħroġ xejn għal dan il-proġett.

v.ii Saret diskussjoni mill-Kumitat u ġie maqbul li ladarba r-Reġjun ma kienx ser joħroġ flus kien setgħa jissieħeb f'dan il-proġett.

vi. Il-President Paul Farrugia nforma lill-Kumitat li hu bħala Viċi President tal-AKL kien ġie mitlub joħloq policy dwar il-ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali fosthom dawk taħt l-iskema RSSL, Community Workers u dawk reġjonali. Qal li ġie mitlub jagħmel dan sabiex ikun hemm tqassim iktar ekwu bejn il-Kunsilli Lokali.

Ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali

vi.i Il-President talab il-kummenti tal-membri dwar dawn il-ħaddiema. Kien hemm qbil li l-akbar problema ma' dawn il-ħaddiema kienet is-superviżjoni tagħhom u dan għaliex mhux il-ħaddiema kollha kienu qed jżommu l-ħinijiet ta' xogħol assenjati lilhom. Hawnhekk ġie ssuġġerit li ladarba jkun hemm tqassim iktar ekwu ta' dawn il-ħaddiema bejn il-Kunsilli Lokali tidħol fis-seħħ l-użu tal-punch clock għal dawn il-ħaddiema wkoll.

vi.ii Il-President informa lill-Kumitat li kien ħa nota tal-kummenti mressqa u kien ser jressaqhom quddiem il-Board ladarba jiltaqgħu.

## 91.4 Urbact

URBACT

i. Il-President Paul Farrugia spjega li kienu għadom għaddejjin bil-proġett tal-URBACT. Dawn il-laqgħat kienu qed isiru f'kull pajjiż li jipparteċipa fil-proġett. Il-President qal li hu kien lest li jibgħat biss lil min jipparteċipa fil-laqgħat tar-Reġjun.

i.i Huwa spjega li relatat ma' dan il-Proġett kellhom isiru aktar laqgħat u li dawn kellhom isiru fil-pajjiżi parteċipanti.

i.ii Il-President Paul Farrugia qal li s'issa r-Reġjun kien ħareġ il-flus biss. Pero ladarba nħallsu l-aħħar pagament ta' Ġunju li kienu nklużi fl-Iskeda għall-approvazzjoni kienu ser jgħaddu l-ispejjez biex nibdew nitħallsu.

## 91.5 Inizjattiva Finanzjarja – GĦOTI MILL-ĠDID TA' TARMAK LIT-TOROQ FIR-RESPONSABBILTA' TAL-KUNSILLI LOKALI

i. Il-President informa lill-Kumitat li fir-rigward tal-inizjattiva finanzjarja ta' €500,000 li kellha tinqasam bejn il-ħames Reġjuni dwar Għoti mill-ġdid ta' tarmak lill-toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali, din is-somma ma setgħatx tinqasam ugwalment bejn il-Kunsilli membri. Il-President kompla jispjega li filwaqt li kieku l-flus kellhom jingħataw lill-Kunsill wieħed biss dan kellu jġib stima tax-xogħol dettaljat mingħand il-Perit li għal dan ix-xogħol il-Perit kien qed jitħallas bi persentaġġ. U dan ma kienx ifisser li wieħed kellu garanzija li l-kunsill tiegħu kien ser jintgħażel.

Inizjattiva Finanzjarja – Għoti ta' Tarmak

i.i Saret diskussjoni mill-membri dwar dan u ġie deċiż li l-President jerġa jistaqsi lid-Direttur DLG waqt laqgħa li kien ser ikollu miegħu sabiex jikkunsidra li

jestendi din l-inizjattiva għal xogħol ta' bankini u patching biex b'hekk kienu setgħu jibbenefikaw aktar kunsilli membri.

**91.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mir-Rappreżentanti

**91.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 69/2017;**

i. L-Iskeda tal-Pagamenti 69/2017 giet approvata u giet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mill-A/Segretarju Eżekuttiv.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti inkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**91.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 19:30hrs

ii. Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar il-Ħamis 24 ta' Awwissu 2017 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| *Kav. Paul Farrugia*<br>*President* | *Antonella Galea*<br>*A/ Seg. Eżek* |